MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2013

Numru 11/2012

Att ta’ Akkuza Numru: 11/2012

Ir-Repubblika ta’ Malta

Vs

Patrik Reinis

Illum 7 ta’ Frar, 2013,

Il-Qorti,

**Il- Qorti,**

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 11 tas-sena 2012 kontra l-akkuzat Patrik Reinis detentur karta tal-identita` Ungeriza bin-numru 237150JA li bih huwa gie akkuzat talli:**

Wara illi l-avukat generali ppermetta fl-ewwel kap:

Illi fit-18 ta' Gunju elfejn u tmienja (2008) u fil-jiem ta' qabel din id-data f'Malta u barra minn Malta, l-akkuzat Patrick Reinis ddecida illi jibda imexxi u jittraffika illegalment fid-droga (herojina) f'Malta. Illi ghal dan il-ghan huwa ftehim ma persuni sabiex iggib id-droga (herojina) illegalment gewwa Malta, ftehmu fuq id-data, r-rotta ta' l-ajru u l-mezz kif kienu sa jimportaw id-droga (herojina) mohbija gewwa diversi parti ta' gismu u li kellu jikkonsomma u jahbi qabel ma jasal Malta. Illi fit-18 ta' Gunju 2008 u l-granet ta' qabel, giet importata f'Malta illegalment kwantita` kbira ta' 31 kapsula droga (herojina) ta' ammont ta' iktar minn tlett mitt gramma (301.87) mill-akkuzat Patrick Reinis. Din id-droga kienet intiza sabiex tigi kkonsenjata mill-akkuzat ghand persuni ohra gewwa Malta biex tigi ttrafikata f'Malta bi profit kbir. Fortunatament din il-kunsinna kbira ta' droga (herojina) giet maqbuda minn membri tal-Korp tal-Pulizija. Illi din id-droga (herojina) ghandha valur ta' kwazi erbatax il-elef ewro (€ 13,886), ekwivalenti ghall kwazi sitt elef lira Maltin (Lm 5,959.66c).

Illi biex isehh dan il-pjan mahsub minn qabel li din id-droga (herojina) importata illegalment minn Patrick Reinis tigi kkunsinnata gewwa Malta bi skop li jitraffika, fil-granet ta' qabel din id-data, Patrick Reinis xjentement assocja ruhu ma persuni ohra barra minn Malta u gewwa Malta u wara li assocja ruhu ftehem u ikkumbina l-mezzi li bihom kellu jimxi fl-esekuzzjoni ta' dan il-pjan miftiehem bis-skop li l-istess droga tigi mibjugha fis-suq lokali.

Fortunatament minhabba intercezzjonijiet minn membri tal-Korp tal-Pulizija, Patrick Reinis gie mikxuf nhar it-18 ta' Gunju elfejn u tmienja (2008).

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Patrick Reinis sar hati talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina

(herojina) f'dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) jew ippromowovaw, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jakkuza lill-imsemmi Patrick Reinis hati talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer jew f'dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'dawn il-Gzejjer (herojina) kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) jew ippromova, ikkostitwixxa organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,4618.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli ohra tal-persuna hekk misjub hati skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(d)(f) (1A) (1B) (2)(a)(i) (3A)(a)(b)(c)(d), 26, 30 u 30A ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Wara illi l-avukat generali ppermetta fit-tieni kap:

Illi f'xi zmien qabel u dak in-nhar tat-18 ta' Gunju elfejn u tmienja (2008) l-akkuzat Patrick Reinis ltaqa ma' persuni ohra u sar ftehim sabiex l-akkuzat jimporta klandestinament f'Malta kwantita' kbira tad-droga (herojina) sabiex tigi ttrafikata f'Malta. Di fatti huwa ftehem li jigi lejn Malta mill-Brussel b'kwantita ta' droga herjoina mohbija gewwa diversi partijiet ta' gismu.

In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, fis-17 ta' Gunju ta' dik is-sena (2008), Patrick Reinis kellu biljett

ta’ l-ajru lejn Malta u telqa mill-Brussel u wasal Malta fuq titjira KM 421 bid-droga (herojina) xjentement mohbija fuqu. Kif dan l-ajruplan wasal Malta, l-akkuzat nizzel l-art, u mar f’indirizz ta’ Hotel li kellu fuqu bl-iskop li jiltaqa ma persuna ohra l-ghada sabiex jghaddi din il-konsenja illegali ta’ droga li importa mieghu.

Illi din id-droga illegali li l-akkuzat Patrick Reinis importa gewwa Malta kienet tikkonsisti f’wiehed u tlettin (31) kapsula ta’ droga (herojina) ta’ ammont ta’ iktar minn tlett mitt gramma (301.87). Din id-droga kienet intiza sabiex tigi kkonsenjata mill-akkuzat ghand persuni ohra gewwa Malta biex tigi ttrafikata f’Malta bi proffit kbir. Fortunatament din il-kunsinna kbira ta’ droga (herojina) giet maqbuda minn membri tal-Korp tal-Pulizija. Illi din id-droga (herojina) ghandha valur ta’ kwazi erbatax il-elef ewro (€ 13,886), ekwivalenti ghall kwazi sitt elef lira Maltin (Lm 5,959.66c).

Illi ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicni Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Patrick Reinis sar hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista’ tigi importata medicina perikoluza (herojina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta), u cioe’ meta ma kellux awtorizzazzjoni ta’ importazzjoni valida.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f’isem ir-Repubblika ta’ Malta jakkuza lill-imsemmi Patrick Reinis talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista’ tigi importata medicina perikoluza (herojina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta), u cioe’ meta ma kellux awtorizzazzjoni ta’ importazzjoni valida; jitlob illi

jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgha u sittin centezmu (€116,4618.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sari r-reat u l-konfiska favor il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 25, 26, 30 u 30A ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Wara illi l-avukat generali ppermetta fit-tielet kap:

Illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi ndikati fl-ewwel u fit-tieni kap ta' dan l-att ta' l-akkuza, u cioe` fit-18 ta' Gunju elfejn u tmienja (2008) u l-granet ta' qabel, Patrick Reinis kellu fil-pussess tieghu illegalment ammont kbir ta' wiehed u tlettin (31) kapsula ta' droga (herojina) f'ammont ta' iktar minn tlett mitt gramma (301.87). li ma kienitx ghal uzu esklussiv tieghu u liema sustanza ghandha valur ta' kwazi erbatax il-elef ewro (€13,886), ekwivalenti ghall kwazi sitt elef lira Maltin (Lm5,959.66c). Din id-droga kienet intiza biex tigi kkonsenjata mill-akkuzat ghand persuni ohra gewwa Malta biex tigi ttrafikata f'Malta bi proffit kbir.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Patrick Reinis sar hati talli, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-

Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jakkuza lill-imsemmi Patrick Reinis talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,4618.67) u l-konfiska favor il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favor il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jinqtal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 26, 30 u 30A ta' l-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi u r-regola 4, 18 u 9

tar-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta’ l-1939) u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.**

**Rat ir-Rikors Konguntiv tal-Avukat Generali w tal-akkuzat Patrik Reinis, ppresentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-30 ta’ Jannar, 2012, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, umilment talbu lil din l-Onorabbli Qorti li, fl-eventwalita` li jkun hemm ammissjoni da parti ta’ l-akkuzat Patrik Reinis ghall-akkuzi migjuba kontrih, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din l-istess Qorti ghandha tkun wahda ta’ prigunerija ghal-perijodu ta’ seba` (7) snin u sitt xhur flimkien ma’ multa ta’ tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tasattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta’ htija ai termini tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kap. 101] inkluz il-konfiska ta’ kwalunkwe flejjes u tal-propjeta` mobbli u mmobbli ta’ l-istess akkuzat.**

**Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;**

**Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-akkuzat baqa’ jtenni t-twegiba li huwa kien hati.**

**Tiddikjara ghalhekk lil Patrik Reinis hati talli:**

**1)** Assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika

medicina (herojina) f'dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) jew ippromowovaw, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

**2)** Importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), u cioe' meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida.

**3)** B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

**Ikkunsidrat,**
**Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell**

**Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;**
**Din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 2,** 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 20, 22(1)(a)(d)(f) (1A) (1B) (2)(a)(i) (3A)(a)(b)(c)(d), 25, 26, 30 u 30A ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), r-regola 4, 18 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta' l-1939) u l-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) **tikkundanna lil hati Patrik Reinis ghal piena ta' prigunerija ghal-perijodu ta' seba` (7) snin u sitt xhur flimkien ma' multa ta' tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000) li jekk ma tithallas puntwalment, tigi konvertita f' terminu ta' sena prigunerija kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' elf, mija u tnejn u tletin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€1132.29), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;**

**Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;**

**Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.**

**Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-Assitent Registratur u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel**

**verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------